CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 06

L- Erbgħa, 6 ta' Novembru 2019

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Vici Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.08pm.

**6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

06.1.1 Is- SE infurma lill- Kunsill li rċieva notifikazzjoni mingħand il-Kunsilliera Camille Scerri fejn infurmatu li ma kienitx ser tattendi għal-laqgħa peress li kienet ser tkun indisposta. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija

**06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

06.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tar- Ħames Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

06.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**06.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

06.3.1 Is-Sindku fir-rigward tal- proġett maħsub mill-Kunsill għar-riġenerazzjoni tal-playingfield b'fondi maħruġa mill- Awtorita' ta' L-Ippjanar talab lis- SE biex tintbgħat ittra lil Ministru l-Onor. Ian Borg kif ukoll liċ-Chairmen ta' L-Awtorita' biex tiġi kkunsidrata talba tagħna fejn fiha qed nitolbu li tiġi ffinanzjata s-somma sħiħa biex isiru x-xogħolijiet fuq dan il-proġett peress li l-għajnuna li tingħata tkun tammonta għal 70% ta' l-ispiza.

06.3.2 Is-Sindku talab lil Kunsill li tiġi approvata rizoluzzjoni biex il-kuntratt prezenti tal-ġonna li kien skada fl-aħħar ta' Settembru jiġi estiz sakemm tinqata' s-sentenza ta' l-appell li sar fuq l-offerta li ntgħazlet mill-Kunsill Il-Kunsill approva.

06.3.3 Is-Sindku kien tal-fehma li wasal iz-zmien li jidħol fis-seħħ traffic management propju fil-*car park* tas-Saqqajja bil-possibilita' li jiġu allokati aktar postijiet riservati ta' parking lir-residenti biex b'hekk innaqqsu id-dħul ta' vetturi ġewwa l-Imdina.

06.3.4 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li huwa kien tal-fehma li fir-rigward tat-tizjin tal-Milied ġewwa l-Mdina għandna insaqsu lis- Sur Paul Azzopardi biex itina kwotazzjoni għar-raġuni li fis-snin ta' qabel, dan it-tizjin kien isir minnu mingħajr ebda ħlas. Il-Kunsill approva.

06.3.5 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li la darba il-fond ta' € 3,500 li ngħata mill- LESA kien ġie approvat, ser jiġu nstallati 30 (tletin) dustbin ġdid ġewwa Howard Gardens għax iridu jinbidlu kollha. Huwa qal li minħabba l-fatt li kollha jridu jinbidlu, il-Kunsill ser ikollu joħroħ mill-fondi tiegħu l-ammont ta' € 1000 biex ikopri l-ispejjez tagħhom skond il-kwotazzjoni li għandu il- Kunsill f'idejħ. Huwa jidhirlu li dawn it-tletin dustbin għandhom jitwaħħlu kollha. Il-Kunsill approva.

06.3.6 Is-Sindku talab lis- SE biex jikteb lid- Direttorat tar- Restawr biex jintervjeni u jagħmel xogħolijiet urġenti ta' manutenzjoni fuq Għajn Hammam.

06.3.7 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li ser ikollu laqgħa mas- Sur M. Cohen minn Transport Malta biex jiddiskuti l- possibilita' li jkun hemm traffic management assesment barra l-Mdina fejn il-car park tas- Saqqajja.

06.3.8 Is- Sindku infurma lill- Kunsill li bejn il-11 u t-13 ta' Diċembru 2019 ser ikun hemm xi ġbid ta' film għal produzzjoni cinematica fi Greeks Gate.

06.3.9 Is- Sindku fir-rigward ta' l-ikla tal-Milied kien qed jissuġerixxi li ssir fl-20 ta' Diċembru 2019. Il-Kunsill approva.

**06.04 Bye- Law- Dħul ta' karozzini ġewwa l-Mdina**

06.4.1 Fl-isfond tal-laqgħa li saret ma' Transport Malta fejn ġie diskuss il-Bye Law li nieda l-Kunsill għad-dħul ta' karozzini ġewwa l-Imdina, permezz ta' rizoluzzjoni li għadda l-Kunsill ġie deciz li jiġu effetwati policies ġodda skond li ġej:

05.4.2 Dawk il-kuċċiera li ilhom joperaw mill- Mdina għal aktar minn xahrejn jistgħu japplikaw għal permess biex jidħlu gewwa l-Mdina u jħallsu l-ispejjez skond it- terminu fil-liġi.

L-ammont ta' permessi maħruġa ma jeċċidix l-ammont ta' 16 il-karozzin

Permissibbli biss li f'kull ħin ikun hemm 6 karozzini f'daqqa jaħdmu ġewwa l-lokalita' ta' l-Mdina filwaqt li l-10 l-oħra jkunu sorġuti fit-tinda tal- karozzini

Terminu u kundizzjonijiet l-oħra skond kif jidhru fil-Bye- Law.

**06.05 Sejħa għall-Offerti - Manutenzjoni u Knis ġewwa l-Mdina MLC05/19- Bord ta' Evalwazzjoni.**

06.5.1 Il-Kunsill approva il-Bord li ser ikun jevalwa l-offerti mitfugħ li ser ikunu Is- Sur R. Carabott, Sur D. Galea u s- Sur M. Mallia. Chaiman tal-Bord ser ikun is- Sur P.S. Manduca.

**06.06 Korrispondenza**

06.6.1 Ittra mingħand XirCammini(NGO)- Universal Peace Walk.

06.6.2 Ittra minghand Festivals Malta biex tittella ġewwa Palazzo Vilhena, l-Mdina, il- Malta Jazz Festival nhar it- Tlieta 14 ta' Lulju 2020. Il-Kunsill approva b'ċertu kundizzjonijiet.

**06.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

05.8.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-6 ta' Novembru 2019, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 16,413.62

05.8.3 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Debono. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**05.09 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

05.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-17.05pm u ġiet aġġornata għal-4 ta’ Diċembru 2019 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 04-12-2019________